MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 02**

**Il-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024 fil-5:00 ta' wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**2.1 Talba;**

2.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-05:00 ta' wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**2.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

2.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**2.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

2.3.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 1.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

2.4.1 Wara li kien diskuss bejn il-membri, sar il-ħasil ta Triq il-Għajn. Peress li din hi triq prinċipali u taqa taħt il-Cleansing Department għalhekk ser issir laqgħa mas-sur Henry Cefai biex issir pressjoni biex jinzam il-livel meħtieġ ta ndafa tat-toroq;

2.4.2 Se issir talba biex naraw x'inhi l-possibilita li jkollna xi ħaddiema tal-Comunity Work Scheme peress li fil-prezent għandna biss ħaddiem wieħed bħala Handyman li jidher fiċ-ċar li ma jistax ilaħħaq ma dak kollu meħtieġ. Ser tinġabar l-informazzjoni dwar l-ispejjez involuti u tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss;

2.4.3 Is-Sindku Thomas Mizzi rrefera għal-laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju u mal-accountant tal-kunsill, fejn ġew diskussi l-finanzi tal-kunsill. Hu xtaq għalhekk li jinforma lil membri li mill-allokazzjoni li nirċievu jibqa biss amount zgħir wara li jitħallsu s-servizzi, pagi, etc għalhekk bħala kunsill irridu naħdmu bilgħaqal biex naraw kif nistaw nibenefikaw minn fondi u skemi għall proġetti li nixtiequ nwettqu. Hu informa ukoll lil membri li l-flus li hemm fil-kontijiet tal-bank huma kollha allokati għal proġetti diġa ikonfermati u mibdija. Hu xtaq li din l-informazzjoni tingaħata lil membri biex ikun hemm stampa ċar tal-pozizjoni finanzjarja li bija irridu naħdmu;

2.4.4 Is-Sindku infroma ukoll li ltaqa mal-perit responsabli mill-proġett ta' "Taħt ir-railing". Dan sar wara li sab kont tal-culvert li kellu bzonn issir u li ma kienx inkluz fl-ispejjez ta dan il-proġett, il kont hu ta aktar minn € 69,000. Waqt din *is-site visit* ġie infurmat li x-xogħol relatat ma din l-stima diġa sar u għalhekk ma jistax jitwaqqaf ix-xogħol. Fil-prezent beda proċess biex jiġi stabilit xi proċeduri hemm bzonn issiru mad-dipartiment;

2.4.5 Is-Sindku għamel referenza għal mod ta kif kien qed jitmexxa l-proċess ta tiswija ta bozzoz/fanali fil-Fontana. Hu informa lil membri li fil-prezent ir-Reġjun Għawdex qiegħed fil proċess li jibdel il-kuntratt fuq dan ir-rigward. Il-kunsill tal-Fontana ma kienx qiegħed jimxi ma dan il-kuntratt u sakemm jiġi deċiz kif se jiproċedi ir-Reġjun se nqabdu lil Chris, il-kunsill qabel unanimament;

2.4.6 Is-Sindku spjega li hemm bzonn tibdil ta xi sinjali tat-toroq u il bzonn li jizdiedu xi sinjali bħal dawk relatati ma ndafa u biex jinġabar il-ħmieġ tal klieb, etċ. Il-kunsillier Horace Micallef irrakomanda li issir proċess fejn jaraw x sinjali hemm bzonn, jiġa assesjati skond l-prijorita u jinbidlu, il-kunsill qabel unanimament;

2.4.7 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li għamel mal-GAGF – Gozo Action Group Foundation – wara talba li saritlu biex jingħata tagħrif dwar din il-Fondazzjoni u l-proġetti li jofru. Il-Kunsill tal-Fontana hu l-uniku kunsill li mhux attwalement membru ta din il-Fondazzjoni. Fil-prezent hemm kont pendenti ta € 3,000 li huma lesti li jiġi mħallas gradwalment filwaqt li matul dan il-perjodu nkunu nistaw naplikaw għal proġetti li jofru. Il-kunsill qabel unanimament;

2.4.8 Saret referenza għas-servizz li kien inbeda fil-leġislatura ta qabel, dak li noffru is-servizz bil-van għal-anzjani tar-raħal meta jkollhom appuntanemti l-isptar jew il-clinic. Hu xtaq li dan is-servizz mhux biss jibqa jingħata imma issir aktar publiċita biex ir-residenti ikunu konxja minn dan is-servizz. Il-kunsill qabel unanimament;

2.4.9 Saret ukoll referenza għal-laqgħa li saret mas-Supretendent tal-Pulizija, din kienet l-ewwel laqgħa ta din il-leġislatura u issemma fost l-oħrajn il punt ta sewqan b'veloċita mit-triq ta wara l-knisja u li dan jista jikkawza inċident, għalhekk ġiet diskussa il possibilita li jsir ballard li jkun jista jitneħħa skond il bzonn. Il ħin l aktar prekarju hu waqt il-ħin tad-duttrina. Dan il-punt tqajjem ukoll minn korrispondenza li saret mingħand il-kappillan. Il-kunsillier Horace Micallef qajjem il-punt ta sigurta u qal li l- ballard jist jkun ta periklu għalhekk hu issugerixxa li minflok jista jsir barrier simili għal dak li juzaw il-pulizija u li l-aħjar nordnaw wieħed għal kull naħħa tat-triq, il-kunsill qabel;

**2.5 Il-proċess tal-Ħatra ta' Skrivan fi skala 15;**

2.5.1 Il-proċess tlesta u r-rapport wasal l-uffiċċju. L-uniku persuna li applikat ġiet aprovata mill board, skond ir-rapport ipprezentat. Il-kunsill qabel li l-persun ikonċernata tiġi infurmata bil-ħinjiet tal-uffiċju u niproċedu skond il-proċess.

**2.6 Sitwazzjoni tal-proġetti tal-Kunsill;**

2.6.1 **Taħt ir-railing** - Is-Sindku Thomas Mizzi għamel referenza għal dan il-proġett biex jinforma lil membri li dan il-proġett kellu jkun wieħed ta tisbieħ izda wara li nbeda ix-xogħol deher li kien hemm bzonn issir dan il- *water culvert* biex jilqa l-ilma. Meta tresqet din l-stima għal-laqgħa ix-xogħol kien diġa beda u fil-prezent din il parti tal-proġett tlestiet. Fil-prezent se nfittxu gwida fuq din is-sitwazzjoni mid-dipartiment biex nirregalizzaw ruħna fuq din is-sitwazzjoni;

**2.7 Korrispondenza, ilmenti/suggerimenti**

2.7.1 Il-Kappillan bghat korrispondenza fejn staqsa jekk il-kunsill hux lest li jgħin bħas snin l-imgħoddija billi jikkollabora fix-xiri ta *trophies* għall- avviniment tal-Sports Fest. Il-kunsill qabel li l-kunsill jiddeċidi xi *thropies* jinxtraw wara li jara l-istimi;

2.7.2 Punt ieħor li semma il-kappillan kienet dwar it-triq ta wara l-knisja li ġiet diskussa aktar kmieni u fejn ġie maqbul li ser nordnaw zewġ barriers biex jintuzaw għal dan il-għan. Ir-responsabilita se tkun f idejn il-katekisti biex jieħdu ħsieb ipoġġu u ineħħu l-barriers skond il-ħinijiet;

2.7.3 Il-Kappillan staqsa jekk il-kunsill hux disponibli li joffri is-Sala tal-Komunita waqt il-vista pastorali li ser issir mill-eċċelenza tiegħu l-Isqof Anton Theuma għal bidu ta Frar 2025. Il-kunsill qabel unanimament;

2.7.4 Il-Kappillan staqsa jekk il-kunsill jistax jagħti sapport dwar xi ilmenti li resqulu diversi residenti li jixtiequ il-kunsill tar-Rabat jagħmel *zebra crossing* mit-tarf ta Triq il-Kappillan Hili biex wieħed ikun jista jaqsam lejn Triq Santa Diminka. Il-kunsill qabel li għandu iwwassal din it-talba uffiċċjali lil Kunsill tar-Rabat;

2.7.5 Il-Kappillan staqsa ukoll biex jikonferma fejn jinsab il-proċess tar-restawr tal-statwi ta San Pietru u San Pawl. Is-segretarju informa lil kunsill li dan il-proċess twaqqaf temporarjament għaliex sar xi tibdil fil-liġijiet tar-restawr u li minħabba dan it-tibdil il-proċess ħa il-ħin u kienet qorbot il-festa u tpoġġa *on hold*. Hi infurmat lil kunsill li aġġornament ta dan il-proġett jingaħta fil-laqgħat li jmiss filwaqt li gradwalment inzommu il-kappillan infurmat;

2.7.6 Il-Community Police gie infurmat li daħal rapport ta mutur abbandunat f' Wied Siekel;

2.7.7 Residenta fi Triq is-Sajjied talbet għal handle mal-faccata ta blokka appartamenti fejn tgħix. Din il-holder hi bzonjuza biex il-persuna tkun tista tila l-bankina b'anqas diffikulta. Fil-prezent qed nitolbu permess mill-persuni responsabli tal-faccata biex jaghtuna l-permess mehtieg halli nkunu nistaw niprocedu;

2.7.8 Dahlet ukoll talba għal bankina ġdida fi Triq wara l-Idjar. Il-kunsill qiegħed fi proċess biex jakwista access għas-sistema fejn ikun jista jagħmel rikjest bħal dawn online u waqt li jkun qiegħed jistabilixxi il kuntati biex jagħmel din it-talba permezz ta email. Il-kunsill qabel li din it-talba tiġi iprocessata;

2.7.9 Ilment ieħor kien dwar tabella fi Triq Għajn Tuta. Din ġiet imwaħla fil-baxx u diversi karozzi qed jaħbtu magħha meta ikunu qed jipparkjaw. L istess persuna ilmentat li l-linji tal-kaxxi bjadu u l-parkeġġ qed issir bl' addoċċ ;

2.7.10 Resident min Triq il-Kappillan Hili xtaq li jitwaħħal dog bin. Il-kunsill iddiskuta din it-talba imma ma sabx post adekwat fejn dan jista jitwaħħal mingħajr ma jkun ta inkovenjent għar-residenti u għat-traffiku peress li

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

ħadd mhu se jaċċetta li jitwahhal mal-faċċata tad-dar tiegħu u jekk jitpoġġa mal-bankina ikun ta periklu;

2.7.11 Saret talba biex issir tabella " No Littering " fi Triejqet Grezzja Grima;

2.7.12 Saru diversi ilmenti dwar amont ta wirdien fit-toroq, wara li s-Segretarju tkellmet mal-kunsill li diġa ipprovda dan is-servizz fil-komunita, akwistat l-informazzjoni dwar il-kumpanija li tiprovdi is-servizz u li jekk issir qbil, jiġu mitluba jiġu fuq il-post biex jaraw fejn hu meħtieġ is-servizz u tintbgħat l-istima. Il-kunsill qabel li issir il-proċess neċessarju biex nakwistaw stima ħalli imexxu peress li dan il proċess kellu issir madwar ix-xahar ta Mejju;

2.7.13 Is-Segretarju ta summarju tas-sitwazzjoni tal-qtates fl-sqaq biex il-kunsilliera ikun jafu dwar x qed jiġri. L-annimal welfare ġew darbtejn biex jaqbdu l qtates morda u dawk li mhux imsewwija. It-tindif qed issir b mod aktar regolari u l-cat litter għen biex il qtates iħamgu fih minflok fl-art;

2.7.14 Korrispondenza minn Transport Malta li kienet mibgħuta mir-Regjun biex nevitaw xi inkonvenjenza li tista twassal għal periklu għal open buses. Il-Kunsill qabel li nkellmu lil Community Police biex ikellem lil persuni ikonċernati;

2.7.15 Is-segretarju informa lil membri li fil-prezent hemm process għaddej fejn se jitwaħħlu żewg electric cars charging pillars. Dawn ic-charging pillars kienu ikonfermati li se jitwaħħlu waħda quddiem l-uffiċju tal-Kunsill u l-oħra fi Triq John Gaspard Le Merchant in-naħħa fejn hemm il-belvedere. Il-Kunsill qabel li biex issir dik ta quddiem l-uffiċċju hu meħtieġ li jigi diskuss l-parking f din it-triq;

2.7.16 Group Health Insurance ghal membri l-ġodda.

2.7.17 Korrispondenza miz-Zagħzagħħ Fontana għamlet formalment talba biex jaraw kif il-Kunsill jista jikolaboraw magħhom għal-Wine Festival. Il-kunsill ippropona li ssir laqgħa mall-Kumisjoni ħalli niddiskutu din il-materja aktar fid-dettal;

**2.8 Mozzjonijiet;**

2.8.1 Għal din il-laqgħa kienu tresqu 4 mozzjonijiet min naħħa tal-Viċi Sindku, izda wara konsultazzjoni mad-dipartiment irrizulta li ebda minn dawn ma kienu jikwalifikaw bħala mozzjoni għalhekk il-punti imresqa ġew imnizla taħt mistoqsijiet mill-kunsilliera;

**2.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

2.9.1 Il-Viċi Sindku Ivana Mizzi issuġerit li l-kunsill jagħmel talba lid-dipartiment responsabli mill-Indafa Publika biex jinħaslu it-toroq arterjali

min-naħħa tagħhom. Is-sindku informa li diġa saret talba uffiċjali biex issir laqgħa mad-direttur responsabli;

2.9.2 It-tieni punt li resqet il-Viċi Sindku kienet idea biex issir speċi ta tinda tal-*canvas* (li tkun tista tinqala u titpoġġa meta jkun meħtieġ) fuq il-*playing field* biext tiproteġi lit-tfal mix-xemx fix-xhur tas-sajf. Il membri qablu li din l-idea ta minn jikunsidra u meta ikun il-waqt naraw xi skema inkunu nistaw napplikaw għalija filwaqt li nagħmlu l-pjanijiet neċessarji;

2.9.3 It-tielet punt li resqet il-Viċi Sindku kienet talba biex issir *disabled parking bay* fi Triq Kappillan Hili quddiem ir-residenza nru 28. Is-segretarju ikonfermat illi fl-istess triq saret rikjesta mid-dipartiment matul il-leġislatura li għaddiet u din tinsab fil-proċess;

2.9.4 Il-Viċi Sindku talbet lil Kunsill biex jiddefinixxi liema sqaqien jaqgħu taħt ir-responsabilita tiegħu għal fini ta tindif u manutenzjoni. Is-Segretarju ikonfermat illi din it-talba diġa saret lid-dipartiment għax din l-informazzjoni hi neċesarja għat-tmexxija tal-kunsill;

2.9.5 Wara diskussjoni sar qbil biex l-ilmenti li jidħlu jekk ikunu urġenti jiġu infurmati l-membri permezz tac-chat tal-grupp u niproċedu. Jekk l-ilment jitwassal għand xi membru tal-kunsill, dan jikteb fuq chat u jekk issir qbil bejn il-membri, l-azzjoni titieħed u fil-laqgħa ta wara jiġi aġġornat dak li ġara fuq l-ilment;

2.9.6 Il-kunsillier Charlie Micallef xtaq ikun jaf x inhi is-sitwazzjoni tal-ktieb fuq il-Fontana għaliex mill-aħħr informazzjoni li kellu, dan il-ktieb kien qed jigi ipprintjat. Is-Segretarju ikonfermat li fl-aħħar laqgħa tal-leġislatura preċedenti hi ġiet mogħtija l-approvazzjoni biex dan il-ktieb jibda jiġi stampat wara li l-proċess kien twaqqaf għal xi perjodu. Il-kunsill iddeċieda li meta jasal il-ktieb jarawh il-membri u issir deċizjoni kif niproċedu dwaru;

2.9.7 Il-kunsillier Joseph Mercieca staqsa lil membri jekk hux possibli li matul dan is-sajf issir xi attivita minn naħħa tal-kunsill. Hu ipropona attivita ghat-tfal jew xi attivita marbuta mar-raħal bħal "walking tour". Wara diskussjoni fuq dan il-punt, il-kunsill qabel li jinġabru stimi biex naraw kemm se tiswa u kif nistaw norganizzaw attivita relatata;

2.9.8 Il-kunsillier Horace Micallef xtaq jawgura li membri kollha u li flimkien nimxu l quddiem f'għaqda mingħajr tbatija f dawn il-ħames snin li ġejjin. Hu wera ix-xewqa li b'enerġija naħdmu f għaqda għal ġid tar-raħal. Hu ukoll stieden lis-sindku biex ikun cert li imexxi hu mingħajr indħil, u fl-istess waqt awgura lis-Segretarju għal-rwol il-ġdid tagħha għaliex sa issa dan kien għadu ma sarx;

2.9.9 Il-kunsillier Horace Micallef semma li fi Triq Wied Siekel hemm bzonn issir tindifa mill-ħmieg tal-klieb u ipropona li issir tabella tal-klieb u dog bin;

2.9.10 Il-kunsillier Horace Micallef semma ukoll ix-xema' li kienet tinxtel kulljum quddiem in-niċċa tas-salvatur. Dan waqaf minn meta intemmet il-leġislatura l-oħra. Tqajjem ukoll il-punt li xieraq li nordnaw bukkett fjuri għal-festa tas-salvatur biex jitqiegħed man-niċċa. Il- kunsill qabel unanimament li jiġu ordnati il fjuri kif ukoll li tinxtara x-xema';

**2.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

2.10.1 Skeda ta' hlasijiet bin-numru 01/2024 ghal perjodu ta' bejn il-25 ta' Gunju, 2024 u 1-10 ta' Lulju, 2024 li tammonta għal €16,851.05 ġiet approvata u iffirmata. Ġiet iprezentata wkoll kopja tal-ispejjez relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Lulju.

**2.11 Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri mis-Sindku**

2.11.1 Is-Sindku Thomas Mizzi informa lill kunsilliera li fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jiltaqa ma kull wieħed u waħda b'mod individwali biex jiddiskuti d-dekasteri;

**2.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-8.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Awwissu, 2024 fit-tlieta ta' wara nofsinhar bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum 13 ta' Awwissu 2024

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Cauchi Loretta at Fontana Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Ivana Mizzi <ivanamizzi2@gmail.com> |
| **Sent:** | Thursday, 04 July 2024 15:37 |
| **To:** | Fontana Local Council at Local Councils |
| **Subject:** | Mozzjonijiet |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ghall-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv
Kunsill Lokali Fontana

Nixtieq inressaq dawn il-mozzjonijiet fil-laqgha li jmiss.

1.Peress li l-bicca l-kbira tat-toroq fil-Fontana huma arterjali, jista l-kunsill jaghmel talba lid-direttorat responsabli mill-Indafa Publika sabiex jinhaslu t-triqat mid-dipartiment koncernat regolarment?

2.Jista l-kunsill jikkonsidra li ssir speci ta tinda tal-canvas (tinqala u titpogga meta jkun mehtieg) fuq l-ghamara tal-playing field sabiex tipprotegi lit-tfal mill-qilla tax-xemx fix-xhur tas-sajf?

3.Jista l-kunsill jaghmel talba lid-Diopartimenti kkoncernati sabiex jintalbu l-permessi mehtiega halli jsir disabled parking bay fi Triq P.P.Hili Street- precizament quddiemi ir-residenza ta' Dolores Cordina li ggib in-numru 28 tat-triq imsemmija?

4.Jista l-kunsill jiddefenixxi liema sqaqien li jaqghu taht il-kunsill, tal-Gvern u tal-privat minhabba t-tindif u manutenzjoni?

Grazzi u tislijiet sinciera

Ivana Mizzi
Vici Sindku